MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## MICHAEL MALLIA

Seduta tal-31 ta' Mejju, 2004

Avviz Numru. 125/2004

**Gasan Enterprises Limited**

**Vs**

**Noel u Silvana Tanti**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta’ attrici ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma ta’ elfejn, seba’ mija u erbghin lira Maltin uhamsin centezmu (Lm2,740.50) liema sommahija dovuta skond sitt (6) kambjalijiet iffirmati mill-istess konvenuti liema kambjalijiet skadew izda baqghu ma thallsux, nonostante li l-konvenuti gew interpellati diversi drabi sabiex ihallsu.

Bl-ispejjez, komprizi dawk ta’ Ittra Ufficjali datata 3 ta’ Frar, 2004, u Mandat ta’ Sekwestru 393/2004 ipprezentat kontestwalment ma’ l-Avviz kontra l-konvenuti li gew

ingunti ghas-subizzjoni u bl-imghaxijiet mid-data ta’ kull kambjala.

Wara li rat in-Nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex il-konvenuti jwiegbu ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikati regolarment il-konvenuti naqsu u ma dehrux, la fil-25 ta’ Mejju, 2004, meta gewipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa’ t-talba attrici bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------